MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 23/2012

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**GL Trading Limited u Stephanie Theuma**

Din hi kawza fejn il-bank qieghed jitlob il-hlas ghal-facilijiet bankarji li nghataw lill-kumpannija konvenuta permezz ta' zewg kuntratti tas-27 ta' Lulju 2005, u 14 ta' Awissu 2006 pubblikati min-nutar Dr Victor John Bisazza. L-attrici ppremettiet li l-kumpannija konvenuta hi debitrici fis-somma ta' mija u tnax-il elf erbgha mija u sebgha u sebghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€112,477.57) bilanc ghad-debitu fil-Loan u Overdraft Accounts. Iddikjarat ukoll li l-konvenuta l-ohra hi garanti solidali sal-valur ta' wiehed u tmenin elf hames mija u disgha u ghoxrin ewro (€81,529). Il-bank ppremetta wkoll li l-konvenuti naqsu milli jhallsu l-pagament dovuti kif dikjarat

fil-kuntratti, kienu inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali, u kien hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-kumpannija konvenuti li jipperikolaw u jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas tad-dejn. Ghalkemm gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali tas-6 ta' April 2011, baqghu inadempjenti.

Permezz ta' nota prezentata mill-konvenuti fit-2 ta' Marzu 2012, iddikjaraw li qeghdin jammettu t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attrici u:-

1. Tiddikjara li sehhew wahda jew iktar mill-kondizzjonijiet hawn fuq imsemmija.

2. Tikkundanna lill-GL Trading Limited sabiex thallas lill-attrici s-somma ta' mija u tnax-il elf erbgha mija u sebgha u sebghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€112,477.57) bilanc ghad-debitu fil-Loan u Overdraft Accounts tas-socjeta GL Trading Limited, flimkien mal-imghax ulterjuri mit-3 ta' Dicembru 2011 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Tikkundanna lil Stephanie Theuma sabiex thallas lill-attrici s-somma ta' wiehed u tmenin elf hames mija u disgha u ghoxrin ewro (€81,529), bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-Loan u Overdraft Accounts tas-socjeta GL Trading Limited mal-Bank of Valletta plc, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' Gunju 2011 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------